32004E0533

3.7.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 234/17

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2004/533/PESK

## tat-28 ta' Ġunju 2004

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u li temenda l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK ([1]) li temenda u testendi sat-30 ta' Ġunju 2004 il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan.

(2) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż.

(3) Fis-17 ta' Novembru 2003 il-Kunsill adotta linji gwida dwar il-ħatra, il-mandat u l-finanzjament tar-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiħżien u tista' tolqot ħażin l-għanijiet tal-PESK kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Francesc VENDRELL bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (*EUSR*) għall-Afganistan, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2005.

*Artikolu 2*

L-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. It-tieni inċiż fis-subparagrafu (e) ta' l-Artikolu 3 għandu jiġi mħassar.
2. L-Artikolu 5 (1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "1. L-ammont ta' riferenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża konnessa mal-mandat ta' l-*EUSR* għandu jkun ta' EUR 794 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-28 ta' Ġunju 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. CULLEN

([1]) ĠU L 326, tat-13.12.2003, p. 41.